# IT-TIENI SEZZJONI

# AWLA KUMMERCJALI

---

20 ta' Jannar, 1950.

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Francesco Debono *versus* Emmanuele Decelis

**Kontijiet — Impunjazzjoni — Ċitazzjoni — Dikjarazzjoni — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 392 u 155 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Huwa veru li min irid jimpunja kontijiet li ġew lilu mogħtija għandu jiddeduċi l-oppożizzjoni tiegħu għal dawk il-kontijiet per mezz ta' ċitazzjoni kontra min irrenda dawk il-kontijiet; iżda l-fatt li l-partiti mpunjati ma jiġux imsemmijin speċifikatament fiċ-ċitazzjoni, billi ikunu ssemmew f'att ġudizzjarju li jiġi notifikat maċ-ċitazzjoni u jifforma parti sostanzjali magħha, ma jġibx għall-konsegwenza li l-vot tal-liġi mhux soddisfatt u illi għalhekk ikun hemm lok li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*L-emendi reċenti li saru fil-proċedura, u li ntroduċew il-proċedura tad-dikjarazzjoni li għandha takkompanja l-att taċ-ċitazzjoni, saru bl-iskop li l-parti kuntrarja tkun taf minn qabel l-appuntament tal-kawża bil-pretensjoni ta' l-attur u bl-estensjoni ta' dik il-pretensjoni, sabiex il-konvenut ikun jista' jipprepara ruħu għad-difiża u jirrispondi kif stabbilit mill-liġi. Għaldaqstant, meta l-partiti mpunjati ikunu speċifikati fid-dikjarazzjoni li takkompanja ċ-ċitazzjoni, li tiġi notifikata magħha lill-konvenut, dan isir jaf eżattament bil-partiti tal-kont li l-attur qiegħed jimpunja, u jista' faċilment jipprepara ruħu għad-difiża minn qabel ma l-kawża tiġi mqiegħda fil-lista għat-trattazzjoni.*

*Ir-regoli dettati mill-liġi f'materja ta' rendiment ta' kontijiet ma jistabbilixxux metodu esklużiv kif għandu jiġi mogħti u mpunjat il-kont; u tista' ssir derjazzjoni minnhom sakemm dawk l-istess regoli jiġu fis-sustanza osservati.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fejn l-attur, wara li qal li b'sentenza ta' din il-

Qorti tal-20 ta' Mejju 1948, il-konvenut ġie kundannat jagħti rendikont tal-ġestjoni tiegħu tal-banut f'Marsaskala "Brighton Bar", u żamm fl-interess tiegħu u ta' l-attur in kwoti ugwali mill-5 ta' Mejju sas-17 ta' Settembru 1947 (dok. A); u li l-konvenut ta rendikont (dok. B) meħmuż mat-taħrika, li fid-diversi partiti huwa inammissibili, kif huwa spjegat fid-dikjarazzjoni ta' l-attur; u li dan qiegħed jippreżenta l-prospett dok "C" bħala rendikont korrett, li minnu jirriżulta bilanċ ta' £79. 2. 10½ favur tiegħu minflok dak ta' £15. 12. 10¼ li jirriżulta mill-prospett "B", rendikont tal-konvenut; talab li, wara li jiġi mogħti kwalunkwe provvediment meħtieġ, u magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, jiġi minn din il-Qorti approvat ir-rendikont tal-ġestjoni in kwistjoni kif huwa korrett fid-dokument "C", u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat iħallsu l-bilanċ ta' £79. 2. 10½; bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-17 ta' Gunju 1949, li biha l-konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-Qorti tirrileva li skond l-art. 392 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Civili, meta l-parti li lilha jingħata l-kont tkun trid tattakka dak il-kont, għandha tagħmel l-oppożizzjoni tagħha billi ssemmi l-partiti li tkun trid topponi, bil-mezz ta' ċitazzjoni kontra l-parti kuntrarja. Dana jfisser li l-attur messu fiċ-ċitazzjoni jsemmi dettaljatament il-partiti li ried jattakka, u mhux jagħmel sempliċi riferenza għad-dikjarazzjoni. Għalkemm id-dikjarazzjoni llum hija obligatorja u għandha tiġi notifikata flimkien maċ-ċitazzjoni, hija ma tistax tieħu post iċ-ċitazzjoni, iżda hija intiża biex tippermetti l-qosor fiċ-ċitazzjoni u tagħti l-ispjegazzjonijiet kollha bid-dettalji meħtieġa biex il-Qorti u l-konvenut ikunu jafu mill-bidu x'inhi sewwa l-pretensjoni ta' l-attur. Fil-każ ta' impunjazzjoni ta' kont, kull partita impunjata tifforma meritu ta' domanda, u għalhekk għandha tkun imsemmija speċifikatament u individwalment fiċ-ċitazzjoni stess; għax id-domandi fiċ-ċitazzjoni jsiru, u mhux iżjed. Għaldaqstant it-talba kif saret fiċ-ċitazzjoni ma hijiex regolari, għax ma hijiex skond il-vot tal-liġi;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi s-sentenza ta' l-*Ewwel Qorti t'nsab bażata fuq* id-dispożizzjoni ta' l-art. 392 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:— "Meta l-parti li lilha jingħata l-kont tkun trid tattakka dak il-kont, għandha tagħmel l-oppożizzjoni tagħha billi ssemmi l-partiti li tkun trid topponi, bil-mezz ta' ċitazzjoni kontra l-parti kuntrarja";

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fiċ-ċitazzjoni beda biex qal li l-konvenut ġie kundannat b'sentenza tal-20 ta' Mejju 1948, biex jagħti kont tal-ġestjoni tiegħu tal-ħanut "Brighton Bar" f'Marsaskala, li żamm fl-interess tal-kontendenti f'parti ugwali mill-5 ta' Mejju sas-17 ta' Settembru 1947, u li l-konvenut ta r-rendikont unit maċ-ċitazzjoni, li fih diversi partiti inammissibili kif huwa spjegat fid-dikjarazzjoni; u li l-attur qiegħed jippreżenta rendikont ieħor bħala dak li hu korrett, li minnu jirriżulta favur tiegħu bilanċ ta' £79. 2. 10½ minflok dak ta' £15. 12. 10¾ li jirriżulta mir-rendikont tal-konvenut; u talab li jiġi approvat ir-rendikont tal-ġestjoni in kwistjoni kif jinsab korrett fid-dokument "C", u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat iħallaslu l-bilanċ ta' £79. 2. 10½ bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż. Maċ-ċitazzjoni ġiet preżentata, skond l-obbligu impost mil-liġi, id-dikjarazzjoni, fejn ġew imsemmija waħda waħda l-partiti attakkati fil-kont tal-konvenut, u ġiet mogħtija r-raġuni ta' l-oppożizzjoni. Fl-aħħar nett, mad-dikjarazzjoni ġiet annessa kopja tas-sentenza tal-20 ta' Mejju 1948, kopja tal-kont preżentat mill-konvenut, u prospett ta' kif dak il-kont għandu jiġi korrett in bażi għal dak li ntqal fid-dikjarazzjoni, li ġiet notifikata lill-konvenut flimkien ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi *meta l-leġislatur bl-Ordinanza nru.* **XXXI** *ta' l-1934* u nru. XXVIII ta' l-1935 emenda l-art. 175 (il-lum 155) tal-Proċedura Ċivili, fis-sens li kull ċitazzjoni għandha tiġi ak-

kompanjata minn dikjarazzjoni ta' l-attur li tkun tikkontjeni espożizzjoni ċara u dettaljata tal-fatti tal-kawża u bil-lista tax-xhieda li jsostnu dawk il-fatti, l-iskop kien li l-parti kuntrarja tkun infurmata minn qabel l-appuntament tal-kawża bil-pretensjoni ta' l-attur u bl-estensjoni ta' dik il-pretensjoni, biex il-konvenut ikun jista' jipprepara ruħu għad-difiża u jirrispondi kif stabbilit mil-liġi (Appell Ċivili, 19 ta' Ġunju 1936, in re "Mifsud vs. Fiorini"). Il-konvenut appellat, meta ġlimkien mac-ċitazzjoni ġie notifikat bid-dikjarazzjoni ta' l-attur, huwa sar jaf eżattament bil-partiti tal-kont tiegħu li l-attur kien qiegħed jimpunja, u seta' faċilment jipprepara ruħu għad-difiża tiegħu minn qabel ma l-kawża ġiet imqiegħda fil-lista għat-trattazzjoni, kif ukoll minn qabel ma kien ienut skond il-liġi jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi l-liġi, fid-dispożizzjoni fuq riportata (art. 392 Proċedura Ċivili), timponi li l-oppożizzjoni għall-kont għandha ssir per mezz taċ-ċitazzjoni; iżda l-fatt li l-partiti impunjati ma ġewx imsemmijin speċifikatament fl-istess ċitazzjoni, imma f'att ieħor ġudizzjarju notifikat maċ-ċitazzjoni, li jifforma parti sostanzjali, ma jġibx għall-konsegwenza li għaliha waslet l-Ewwel Qorti bis-sentenza appellata. - Infatti, kif sostniet din il-Qorti bis-sentenza tas-16 ta' Novembru 1888 in re "Mortimer vs. Sammut" (Kollez. Vol. XII, pag. 57), u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bis-sentenza tas-7 ta' Jannar 1899 in re "Giardina vs. DeCesare" (Kollez. Vol. XVII—II—3, "le disposizioni contenute negli articoli 416 e seguenti delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile (il-lum 389 u segwenti tal-Proċedura Ċivili), sul modo di procedere per rendimento di conti, non stabiliscono un metodo esclusivo, in guisa da non permettere una deviazione, quando le disposizioni medesime fossero in sostanza osservate". U fil-każ tagħna, għar-raġunijiet fuq miġjuba, id-dispożizzjoni ta' l-art. 392 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ġiet fis-sostanza osservata;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap fejn illiberat il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, u tordna li l-atti jiġu mibgħutin lill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re għat-trattazzjoni u definizzjoni tal-meritu. L-ispejjeż

taż-żewġ istanzi ma jiġux taxxati bejn il-partijiet, bid-dritt tar-reġistru kontra l-konvenut appellat. U hekk irrevokat fil-meritu u riformat fil-kap ta' l-ispejjeż l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-17 ta' Ġunju 1949.

---